MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-25 ta' April, 2006

Numru 353/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. Carlo Ellul)**
**vs**
**Saviour Attard**
**Francis Cremona**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra;

**Saviour Attard** ta’ 58 sena, bin Emanuel u Josephine nee’ Zarb, mwieled il-Birgu fit-12 ta’ Novembru, 1944, residenti 171, Flt 8, St. Domenic Street, Valletta w detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 1040244(M)

**Francis Cremona** ta’ 19-il sena, bin Francis u Theresa nee’ Attard, imwieled Pieta’ fl-4 ta’ Gunju, 1984, residenti

171, Flt 8, St. Domenic Street, Valletta w detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 287184(M)

1a Talli fid-9 t’ April, 2003 ghall-habta tal-10.00 p.m u fix-xhur jew jiem ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, ghamiltu falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqtu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zidtu jew biddiltu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw (Sez. 183 tal-Kap 9);

1b Talli fl-istess perjodu w circostanzi, f’dawn il-Gzejjer, xjentement ghamiltu uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-Art. 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta (Sez. 184 tal-Kap 9);

Lil **Francis Cremona** wahdu;

2a. Talli fid-9 t’ April, 2003 ghall-habta tal-10.00 p.m fil-Hamrun u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, ghamilt uzu minn numru ta’ identifikazzjoni xort’ohra minn dak moghti mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari, cioe’ ghamilt uzu minn numri tar-registrazzjoni TFD-594 ta’ vettura tal-ghamla ‘Kia Clarus’ fuq vettura ohra tal-ghamla ‘Honda Civic’ (Sez. 15 (1A) Kap. 65);

2b Talli fl-istess perjodu u cirkostanzi wzajt licenzja ta’ vettura bil-mutur partikolari fuq vettura bil-mutur ohra cioe’ wzajt licenzja ta’ vettura tal-ghamla ‘Daihatsu Charade’ bin-numru tar-registrazzjoni JAU-628 fuq vettura ohra tal-ghamla ‘Honda Civic’ li n-numru taghha mhux maghruf (Sez. 21 MVR);

2c. Talli fl-istess data, lok, hin u circostanzi soqt jew ghamilt uzu minn vettura tal-ghamla ‘Honda Civic’ bin-numru TFD-594 minghajr ma kienet licenzjata mill-

Kummissarju tal-Pulizija jew l-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (Sez. 18 MVRm Sez. 15 (1) (a) (3) Kap 65);

2d Talli fl-istess data, lok, hin u circostanzi soqt jew ghamilt uzu minn vettura tal-ghamla 'Honda Civic' bin-numru TFD-594 minghajr ma kienet koperta b'Polza tas-sigurta' dwar riskji tat-terzi persuni (Sez. 3 (1) Kap. 104);

2e Talli fl-istess data, lok, hin u circostanzi soqt jew ghamilt uzu minn vettura bil-mutur tal-ghamla 'Honda Civic' minghajr ma kellek licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta;

Lil **Saviour Attard** wahdu;

2f Talli fit-13 ta' Frar, 2002 hlift falz quddiem Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li ghandu s-setgha b'ligi li jaghti gurament, cioe hlift quddiem ufficjal tal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta li tlift il-pjanci ta' vettura bin-numru TFD-594 meta inti kont taf ben tajjeb li dawn kienu ghand certu Antione sive David Monsigneur;

3a Talli fid-9 t' April, 2003 ghall-habta tal-10.00 p.m ippermettejt lil Francis Cremona jsuq il-vettura tieghek tal-ghamla 'Honda' bin-numru tar-registrazzjoni TFD-594 meta inti kont taf li ma kienetx koperta b'polza tas-sigurta' dwar riskji tat-terzi persuni;

Ghaldaqstant il-Pulizija titlob li minbarra li tigi moghtija l-piena stabbilita' f'kaz ta' htija, tordna li z-zewg imputati jigu skwalifikati milli jzommu ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' mhux inqas minn tnaz il-xahar.

Rat il-kunsens tal-avukat generali tat-30 t'April, 2004, u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputati sabiex il-kaz taghhom ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' Saviour Attard dwar l-akkuzi kollha u l-ammissjoni ta' Francis Cremona limitatament fuq l-akkuzi 2a u 2e;

Wara dawn l-ammissjonijiet l-prosekuzzjoni iddikjarat li ma kellhiex aktar provi kontra Francis Cremona

Ghalhekk l-akkuzi kif ammessi jirrizultaw pruvati u ssib lill-imputat Saviour Attard hati tal-akkuzi kollha u lill-Francis Cremona hati tal-akkuzi 2a u 2e. Stante insufficjenza ta' provi fl-akkuzi l-ohra kontra Francis Cremona, ma ssibux hati taghhom u tilliberah mill-istess;

Tiddeciedi billi:

Fil-konfront ta' **Saviour Attard**, wara li rat l-artikoli 108 (1) (b), 109, 183, 184 tal-Kap 9, 15 (1) (a) (3) tal-Kap 65; 21 AL128/94, 3 Kap 104 u wara li rat il-fedina penali tieghu, tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' 18-il xahar mil-lum liema terminu m jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkommeti rejat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien sentejn mil-lum ai terminu tal-artikolu 28 A tal-Kap 9. Inoltre tordna l-interdizzjoni tieghu b'mod generali ghal-zmien hames snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat Saviour Attard naxxenti minn din is-sentenza;

Fil-konfront ta' Francis Cremona, wara li rat l-artikoli 15 (1) (a) Kap 65 u 21 AL 128/94 u rat il-fedina penali tieghu, tikkundannah ghal-hlas ta' multa ta' Lm100.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------